**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI ISTRUTTORJA**

**(Fl-Att dwar l-Estradizzjoni msejha l-Qorti Rimandanti)**

**Magistrat Dr. Joseph Mifsud LL.D**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Mark Galea)**

**-vs-**

**Mariella Franchini**

**Illum 19 ta' Novembru 2018**

Il-Qorti,

Wara li rat li l-Pulizija ressqu b'arrest lil Mariella Franchini, ta' nazzjonalita' Taljana, imwielda f'Bari l-Italja, fit-8 ta' Jannar, 1961, detentur tal-karta tal-identita Taljana AS0952728 u dokument ta' residenza Maltija 0159820A u residenti gewwa fond numru 77, Flat 6, Triq Oscar Zammit, Imsida aktar il-quddiem imsejjah l-estradanta assitita minn Dr. Marita Pace Dimech;

Il-Qorti qieghda tahtar lil Dr. Silvio Brincat bhala interpretu mil-lingwa Taljana ghal dik Maltija u vice versa.

Dr. Silvio Brincat halef l-inkarigu lilu moghti.

Xehed bil-gurament l-Ispettur Mark Galea li pprezenta:

- Shengen Information System – SISII Dok. MG1
- European Arrest Warrent Dok. MG2
- Form A – Supplementary information relating to an extradtition Dok. MG3
- Ordni dwar pajjizi barranin appuntati dwar l-estradizzjoni, Avviz Legali 320/2004 Dok. MG4
- Extradtion Order 2004 Dok. MG5
- Fotokopja tal-karta tal-identita ta' Mariella Franchini Dok. MG6
- Karta tal-identita ta' Mariella Franchini (animo ritirandi) Dok. MG7.

Wara li rat is-*Schengen Information System Alert* mahrug fuq talba tal-awtoritajiet kompetenti fl-Italja, pajjiz skedat a tenur ta' l-Artikolu 5 ta' l-Ordni dwar Pajjiżi Barranin Appuntati dwar l-Estradizzjoni, Avviz Legali 320 ta' l-2004 (Ligi Sussidjarja 276.05), u l-Mandat ta' Arrest Ewropew datat 12 ta' Novembru 2018, mahruga mill-istess awtorita` fil-konfront tal-estradanta, u wara li rat ic-Certifikati mahruga mill-Avukat Generali a tenur ta' l-Artikol1 6A u 7 ta' l-istess Ordni mahruga fit-18 ta' Novembru 2018;

Wara li semghet lil Mariella Franchini tikkonferma li hija dik il-persuna ghal liema inhareg 'il fuq imsemmi Mandat ta' Arrest Ewropew;

Tiddikjara ai termini ta' l-Artikolu 10 ta' l-Avviz Legali 320 ta' l-2004, (Ligi Sussidjarja 276.05), li l-persuna li qed tidher quddiem din il-Qorti hija fil-fatt l-istess persuna kontra min inhareg il-Mandat ta' Arrest Ewropew ta' l-imsemmi Avviz Legali mill-Italja, kopja ta' liema mandat gie dikjarat mill-partijiet li nghatat lill-estradanta;

Wara li ai termini ta' l-Artikolu 11 ta' l-Avviz Legali 320 ta' l-2004, (Ligi Sussidjarja 276.05), il-Qorti infurmat lill-estradanta dwar il-kontenut tal-Mandat ta' Arrest Ewropew mahrug kontra taghha;

Wara li tat lill-estradanta dik l-informazzjoni necessarja dwar il-kunsens ai termini ta' l-Artikolu 11(2) ta' l-imsemmi Avviz Legali;

Wara li gew spjegati lill-estrandanta d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 43 ta' l-imsemmi Avviz Legali;

**Il-Qorti,**

Tordna li Mariella Franchini ghandha tinzamm taht arrest sakemm titregga lura l-Italja billi tigi trasferita lill-awtoritajiet Taljani.

---

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**